DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Ġunju 2008

li temenda d-Deċiżjoni 1999/217/KE fir-rigward tar-reġistru ta' sustanzi ta' taħwir użati fi jew fuq oġġetti ta' l-ikel

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2336)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/478/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu ġewwa jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment tar-regoli fir-rigward tas-sustanzi tat-taħwir użati jew intiżi għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel. Dak ir-Regolament jipprovdi għall-adozzjoni ta' reġistru ta' sustanzi ta' taħwir ("ir-reġistru") wara notifika mill-Istati Membri ta' lista tas-sustanzi li jagħtu t-togħma li jistgħu jintużaw fi jew fuq ikel kummerċjalizzat fit-territorju tagħhom u fuq il-bażi ta' studju mill-Kummissjoni ta' dik in-notifika. Dak ir-reġistru kien adottat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE [2].

(2) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jipprovdi għal programm għall-valutazzjoni tas-sustanzi ta' taħwir sabiex jiġi ċċekkjat jekk jikkonformax mal-kriterji ġenerali għall-użu tas-sustanzi ta' taħwir stipulati fl-Anness għal dak ir-Regolament.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tad-29 ta' Novembru 2007 dwar l-idrokarboni alifatiċi u aromatiċi, li t-2-Methylbuta-1,3-diene (irreġistrata b'FL-Nru 01 049) uriet potenzjal ġenotossiku *in vivo* u effett kanċeroġeniku f'annimali sperimentali. Għalhekk l-użu tagħha bħala sustanza li tagħti t-togħma mhuwiex aċċettabbli, minħabba li ma tissodisfax il-kriterji ġenerali għall-użu ta' sustanzi li jagħtu t-togħma kif stipulat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2232/96. Għaldaqstant, is-sustanza għandha titneħħa minn fuq ir-reġistru.

(4) Id-Deċiżjoni 1999/217/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 1999/217/KE, fil-Parti A, ir-ringiela fit-tabella għas-sustanza bin-numru FL 01 049 (2-Methylbuta-1,3-diene) titneħħa.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 299, 23.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
[2] ĠU L 84, 27.3.1999, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/252/KE (ĠU L 91, 29.3.2006, p. 48).